**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 13 ta' Settembru 2017**

**Rikors Numru: 141/17 CSH**

**Fl-atti tal-ittra ufficjali numru 619/17**

**Anthony Sammut**

**vs**

**Il-Kummissarju tal-Artijiet**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat minn Anthony Sammut fit-23 ta' Mejju, 2017 fejn espona:

*"Illi l-esponenti gie nnotifikat b'ittra ufficjali prezentata fl-14 ta' Marzu, 2017 mill-intimat ghat-tenur tal-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 (Dok. A) u li permezz taghha gie interpellat ihallas is-somma ta' seba' mija u hamsa u erbghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€745.25) bhala cens u spejjez legali dovuti minnu fuq parti residwa ta' Plot 13, Triq G. Calleja, Art ta' L-Iklin, B, Inklin u dan ghal-perjodu mis-17 ta' Lulju 1993 sas-16 ta' Lulju 2017.*

*Illi l-esponenti jikkontesta li huwa debitur tal-intimat ghar-ragunijiet segwenti:*

1. *In linea preliminary l-esponenti qieghed iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghall-parti sostanzjali tad-debitur pretiz u dan ghat-tenur tal-Artikolu 2156(a) tal-Kodici Civili. Skond l-ittra ufficjali (Dok. A) stess id-debitu jmur lura ghas-17 ta' Lulju 1993 u cioe' ghal circa 24 sena ilu. Illi din l-eccezzjoni qieghda tinghata minghajr ebda ammissjoni da parti tal-esponenti li huwa ghndu jaghti xi flejjes lill-Kummissarju tal-Artijiet.*

2. *Illi l-pretenzjoni tal-intimati hija ghall-hlas ta' cens. Bir-rispett qed jigi sottomess illi c-cens m'huwiex wiehed mill-krediti li japplika ghalih l-Artikolu 466 tal-Kap. 12.*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jirritjeni illi huwa m'ghandu jaghti ebda ammont lill-intimat stante li huwa kien zviluppa l-art snin twal ilu u ttrasferiha lill-proprjetarji ta' JB Stores tal-Iklin. Dawn min-naha taghhom bnew fuqha kappella u tawha lill-Knisja ta' Malta.*

4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.*

*Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet imsemmija u ghat-tenur tal-Artikolu 466(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), tiddikjara l-pretenzjonij tal-intimat bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat."*

Rat in-nota pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-12 ta' Gunju 2017 mill-intimat Kummissarju tal-Artijiet li permezz taghha huwa rtira l-effetti tal-ittra ufficjali fil-kwza odjerna liema ittra giet prezentata fl-14 ta' Marzu 2017 u

dan stante li jirrizultalu li l-propjeta' in kwistjonij hemm imsemmija hi registrata f'isem il-Parrocca ta' Hal Balzan u l-Parrocca tal-Iklin u ghaldaqstant il-Gvern ta' Malta m'ghandu l-ebda jedd kwezit jew xi jedd iehor fuq din il-propjeta'.

Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara li l-mertu tal-kawza llum jinsab ezawrit permezz ta' din in-nota u ghalhekk ser tieqaf hawn fir-rigward it-talba rikorrenti dwar il-mertu.

**Ghalhekk din il-Qorti qed tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas l-ispejjez inkorsi in konnessjoni ma' dawn il-proceduri stante li n-nota tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet giet ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti wara li r-rikorrenti kien ipproceda bir-rikors tieghu odjern.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**